**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**xxx**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Illum 17 ta' Mejju 2016**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn XXX fit-22 ta' Gunju 2011 quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitolbu li l-istimi mahruga fil-konfront taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.12.04-28.02.05, 01.03.05-31.05.05, 01.06.05-31.08.05, 01.09.05-30.11.05, 01.12.05-28.02.06, 01.03.06-31.05.06, 01.06.06-31.08.06, 01.09.06-30.11.06, 01.12.06-28.02.07, 01.03.07-31.05.07, 01.06.07-31.08.07, 01.09.07-30.11.07, 01.12.07-31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08 u 01.12.08-28.02.09 jigu kkancellati *in toto* u l-penali amministrattivi u imghaxijiet hemm imposti, jigu revokati;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur, ossia ittra tar-Rikorrenti lis-Segretarju tal-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 20 ta' Gunju 2011 u l-istimi meritu ta' dawn il-proceduri;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrenti mill-istimi mahruga kontra taghhom u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra taghhom, stante li l-likwidazzjoni ta' taxxa ghall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni huma gusti u jimmeritaw konferma;

Ra d-dokument anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ossia Tax Audit Report tat-Tax Compliance Unit datat 28 ta' Dicembru 2010 u Review Rerpot datat 4 ta' Mejju 2011;

Ra l-affidavits ta' entrambe r-Rikorrenti u ta' Dr. George Debono markati rispettivament Dok. "FCD", Dok. "MLF" u Dok. "GB" u d-dokumenti annessi magħhom esebiti permezz ta' Nota ipprezentata fil-11 ta' Diċembru 2012 a fol. 18 sa' 67 tal-process, sema' x-xhieda ta' Dion Borg mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2012[1] u x-xhieda ta' Claudia Borg[2] u Jesmar Bilocca[3] entrambe mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2013 u ra d-dokumenti esebiti minn Claudia Borg markati lkoll flimkien bħala Dok. "CB" a fol. 79 sa' 102 tal-process;

Ra d-Digriet mogħti fis-16 ta' Lulju 2013 a fol. 129 sa' 131 tal-process;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti u d-dokumenti annessi magħha, ossia Financial Statements tas-soċjetà Fintel Limited għas-snin 2004 sa' 2011 markati Dok. "F1" sa' Dok. "F8", ipprezentata fit-23 ta' Awissu 2013 a fol. 132 sa' 237 tal-process u ra n-Nota Responsiva tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ipprezentata fl-14 ta' Ottubru 2013 a fol. 240 sa' 244 tal-process;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti jikkontestaw stimi maħruġa fil-konfront tagħhom mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-perijodi ta' taxxa 01.12.04-28.02.05, 01.03.05-31.05.05, 01.06.05-31.08.05, 01.09.05-30.11.05, 01.12.05-28.02.06, 01.03.06-31.05.06, 01.06.06-31.08.06, 01.09.06-30.11.06, 01.12.06-28.02.07, 01.03.07-31.05.07, 01.06.07-31.08.07, 01.09.07-30.11.07, 01.12.07-31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08 u 01.12.08-28.02.09 bis-saħħa ta' liema qed jiġu mitluba jħallsu s-somma komplessiva ta' €33,542 bħala Output VAT, oltre penali amministrattivi w imgħaxijiet.

Ir-Rikorrenti jitolbu li l-istimi in kwistjoni jiġu kkanċellati *in toto* u li l-penali amministrattivi w imgħaxijiet imposti fuqhom jiġu kkanċellati in bazi għall-aggravji li: (i) *assessments unilaterally and arbitrarily raised without any reason;* (ii) *assessments have disregarded our records and submissions;* (iii) *assessments are flawed and untenable both in fact and in law*; u (iv) *Department failed to perform alternative checks/verifications*.

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jopponi għall-appell tar-Rikorrenti mill-istimi in kwistjoni u jitlob li l-istess jiġi miċħud stante li l-likwidazzjoni ta' taxxa għall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni huma ġusti u jimmeritaw konferma. Għall-fini li jsostni l-opposizzjoni tiegħu għall-appell

[1] Fol. 68 sa' 77 tal-process.
[2] Fol. 103 sa' 120 tal-process.
[3] Fol. 121 sa' 126 tal-process.

tar-Rikorrenti u fl-ahhar mill-ahhar ghall-fini li jissostanzja l-istimi mahruga minnu, flimkien mar-Risposta l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ipprezenta Tax Audit Report mahrug mit-Tax Compliance Unit u Review Report li a bazi taghhom inhargu l-istimi provvizorji w eventwalment l-istimi finali fil-konfront tar-Rikorrenti.

Tul is-smigh tal-proceduri r-Rikorrenti sahqu fuq diversi aspetti in bazi ghal liema skonthom l-istimi mahruga kontra taghhom ghandhom jirrizultaw ghal kollox ingustifikati u zbaljati. Jikkontendu li huma qatt ma nghataw raguni specifika ghalfejn id-denunzji tat-taxxa taghhom, inkluzi id-denunzji tat-taxxa tal-prattika legali taghhom taht l-isem CDF Advocates, gew senjalati ghall-investigazzjoni, jikkontendu wkoll li t-Tax Compliance Unit ingustament, jekk mhux addirittura kontra l-Ligi, baqghu jinsistu ghall-produzzjoni ta' *bank statements* ta' kontijiet bankarji fejn kien hemm depozitati flejjes appartenenti lill-klijenti taghhom, il-*Capital Accretion Exercise* mahdum mit-Tax Compliance Unit in bazi ghal liema nhargu l-istimi meritu ta' dawn il-proceduri huwa zbaljat, u effettivament irrizulta li huwa zbaljat, u waqt l-istadju tar-Review ta' l-istimi provvizorji mahruga kontra taghhom ma nghataw l-ebda opportunità li jressqu l-oggezzjonijiet taghhom b'mod opportun.

It-Tribunal iqis li ghandu jikkonsidra dawn il-lanjanzi wahda wahda ghall-fini li jiddetermina jekk l-appell tar-Rikorrenti mill-istimi meritu ta' dawn il-proceduri huwiex gustifikat o meno.

Waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012[4], ir-rapprezentant tar-Rikorrenti, Dion Borg, iddikjara li *t-tax compliance unit kienu baghtu ittra lil XXX fejn qalu li ha jaghmlu normal compliance routine, xi haga hekk li skond huma normali. Kont mort ma' XXX u tajna l-ispjegazzjonijiet u d-dokumenti kollha li kienu talbu inizjalment, u staqsejna x'kienet ezattament l-issue li bdew jaraw u r-risposta kienet li din hija xi haga normali ta' routina li qed jistaqsu dawn il-mistoqsijiet. Wara li tajna l-ispjegazzjonijiet kollha, harget ittra li basically kienu ser jaghmlu investigazzjoni shiha. Tlabna x'kienet ir-raguni, x'riskju kien hemm wara li tajna l-ispjegazzjonijiet u d-dokumenti imma l-ebda feedback ma gie mit-TCU. Eventually ergajna bdejna nidhlu f'aktar dettal, naghtu d-dokumenti, talbu l-bank statements, tajnihom il-bank statements with the exception ta' fejn kien hemm deposits tal-klijenti minhabba l-Profession Secrecy Act. It-TCU baqa' jinsisti li jrid il-bank statements kollha, tajnihom l-ispjegazzjonijiet ghaliex ma stajniex naghtuhomlom, tlabnihom anke indemnity jekk eventually ahna nigu mgieghla naghtuhomlom, imma ma hargitx lanqas mit-TCU. Eventually spiccajna, wara l-ispjegazzjonijiet kollha, bil-bank statements kollha minbarra dawk li hemm il-profession secrecy tikkaverjhom, xorta hargu assessment minghajr l-ebda raguni specifika, minghajr ma spjegaw ruhhom ghaliex ghamlu din l-investigazzjoni.*

---

[4] Fol. 68 sa' 77 tal-process.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom ir-Rikorrenti komplew jishqu li *analizi ulterjuri tax-xhieda ta' Claudia Borg tat-Tax Compliance Unit (TCU) tikkonferma bis-shih it-tezi ta' l-appellanti. L-ewwelnett, Claudia Borg ma kienitx kapaci tirrispondi ghalfejn il-procedura ta' 'normal compliance control' f'daqqa wahda saret 'full tax audit'. Ippruvat taghti l-impressjoni li m'hemmx differenza bejn dawn it-tnejn, meta skond ix-xhieda taghha stess f'normal compliance control ikollok xi dubju fuq xi haga partikolari li qed thasseb lit-TCU, filwaqt li full tax audit tinvolvi investigazzjoni dettaljata tan-negozju. ... L-anqas ma kienet taf Claudia Borg ghalfejn intghazlu l-appellanti ghal dan il-full tax audit. Qalet li l-file jigi ghandha maghzul diga minn xi dipartiment iehor li sejhitlu 'risk analysis'. ... In fatti d-Dipartiment appellat obbliga ruhhu quddiem dan it-Tribunal fil-verbal tal-25 ta' April 2013 illi li jressaq lill-persuna li ghamlet din hekk imsejha risk analysis: "m'ghandux oggezzjoni li jitressaq il-persuna li hadem fuq ir-risk analysis relattiva ghar-rikorrent anzi jiddikjara li dan ser ikun xhud taghhom fis-seduta li jmiss", biex fis-seduta sussegwenti spicca biex iddikjara li m'ghandux aktar provi. Ghalhekk huwa car li d-Dipartiment appellat ma kienx wisq kuntent bir-raguni li ghaliha gew investigate l-appellanti u b'hekk l-appellanti ghadhom sa' llum ma jafux ghalfejn gew investigate. Dan it-Triunal naturalment jasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu wkoll dwar dan in-nuqqas ta' trasparenza min-naha tad-Dipartiment tal-VAT – Dipartiment li min-naha tieghu eziga trasparenza assoluta min-naha ta' l-appellanti*[5].

L-attitudini tar-Rikorrenti versu l-investigazzjoni da parte tat-Tax Compliance Unit kienet cara sa' mill-bidunett tal-process u dana kif jirrizulta mill-ittri ta' l-istess Rikorrent lit-Tax Compliance Unit datati 31 ta' Mejju 2010[6] u 2 ta' Lulju 2010[7].

Fl-ittra datata 31 ta' Mejju 2010, li ntbaghtet in segwitu ghal e-mail datata 27 ta' Mejju 2010[8] minghand Claudia Borg fejn talbet minghand ir-Rikorrent certa *business records*, senjatament *bank statements* ghas-snin 1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Dicembru 2008, u *Statement of Affairs as at 31st December 1998 and as 31st December 2008*, ir-Rikorrent afferma li *during the meeting, the Unit's officers pointed out, and this was confirmed in an e-mail I received on 27th May 2010, that 'business' bank statements and personal statements of affairs as at 1998 and 2008 are still required. With all due respect, it is pertinent to point out that considering: the premise that this is a 'normal compliance control', and the verbal explanations (which I can duly articulate for formality's sake), given during our one and a half hour meeting, and my commitment to submit a detailed breakdown of the sub-contracting expenses claimed, to supplement the details of fees already submitted, it is respectfully inconceivable to justify the Unit's claim that in order to conduct this normal*

5 Para. 14 sa' 16 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti, fol. 132 sa' 144 tal-process.
6 Fol. 82 u 83 tal-process.
7 Fol. 87 u 88 tal-process.
8 Fol. 81 tal-process.

*exercise my bank accounts (which include also clients' funds emanating from legally privileged contracts) and my family's personal affairs (assets, liabilities, visits abroad...) need to be scrutinized! Whilst I do not wish to delve into the merits of any nationwide and/or profession-based risk assessment warranting this 'normal compliance control', less even, on the parameters of this specific Unit's brief, it is submitted that the insistence for bank and personal affairs can scarcely be justified. I trust that the Unit can appreciate that clients' funds relating to sensitive contracts and agreements, are channeled through the bank account I use in my profession. I thus have to thread very carefully, ensuring that there is clear, legal and formal justification before releasing such statements – especially when subsequently I would be expected to refer to such clients, their funds, and the agreements they pertain to. I reiterate what I emphasized during the meeting, that should the Unit pinpoint any specific concerns about my legal practice and/or the fiscal declarations submitted, I would dedicate my time to clarify them and provide supporting documents within a reasonable timely manner.*

Fl-ittra datata 2 ta' Lulju 2010[9], li ntbaghtet wara li b'ittra datata 11 ta' Gunju 2010[10] il-Kap tat-Tax Compliance Unit irreferit lir-Rikorrent ghall-poteri tal-Kummissarju tat-Taxxi fir-rigward ta' skrutinju tad-dhul u dikjarazzjonijiet tat-taxxa ta' *taxpayer*, ir-Rikorrent afferma li *it is submitted that the general powers vested on the Commissioner of Inland Revenue also place an onus on the same Commissioner to clarify and justify the specific reasons such powers are being exercised. In particular, the Commissioner's discretion over whom to audit and the reasons why such assignments are undertaken and/or extended, is to be factually, and also perceived to be, equitable and transparent, and at least in line with the principles of natural justice. As we had the opportunity to emphasise in our letter dated 31st May 2010, we have repeatedly asked the Unit to clarify what specific area/s has/have been deemed as constituting a reasonable risk for tax purposes – so that we can give the explanations and supporting documents to address such deemed risk, to practically expedite matters. However, to date, no such clarification has been forthcoming from the Unit. Therefore up to now, any reasonable man would perceive the Unit's actions as a 'fishing expedition' which falls foul of the duties of the Commissioner of Inland Revenue was outlined above. As also referred to in our said letter, our profession falls under the scope of the Professional Secrecy Act (Cap.377), to which we may add our duties under the Code of Organization and Civil Procedure (Cap.12) and the Data Protection Act (Cap.440), and thus information concerning clients' transactions and funds that are channeled through the bank accounts used in our profession, cannot be disclosed. In this regard, we regret that we cannot accede to the Unit's request to submit bank statements; as such documents could subsequently raise questions about clients' transactions and funds and potentially expose us to civil and/or criminal liability.*

[9] Fol. 87 u 88 tal-process.
[10] Fol. 85 tal-process.

Filwaqt li t-Tribunal jista' jifhem li persuna thossa wrtata li tkun qed tigi investigata mill-Kummissarju tat-Taxxi, iktar u iktar meta l-investigazzjoni tkun qed issir mit-Tax Compliance Unit, fl-istess waqt ma jistax jinjora l-poteri konferiti bil-Ligi fuq il-Kummissarju tat-Taxxi fir-rigward ta' tali investigazzjonijiet, liema poteri jistghu appuntu jigu delegati lit-Tax Compliance Unit. B'mod specifiku ghal dak li jirrigwarda l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi f'diversi disposizzjonijiet tieghu dwar il-poteri tal-Kummissarju fid-determinazzjoni ta' certi fatti rigwardanti d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tat-*taxpayer* u dana ghall-fini li tigi stabbilita t-taxxa li ghandha tithallas u biex jigi accertat li t-*taxpayer* ikkonforma ruhu mad-disposizzjonijiet ta' l-Att. Bis-sahha ta' l-Artikolu 53 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta l-Kummissarju hu moghti l-mezzi esplorattivi tal-vizjoni ta' dokumenti u ta' l-ispezzjoni f'kull fond, inkluz, bis-sahha ta' l-Artikolu 54 ta' l-Att, il-fond ta' abitazzjoni tat-*taxpayer*, dejjem dana ghall-iskop ta' l-accertamenti li jkun jrid jaghmel jew biex jissuppliment it-taghrif dwar fatti essenzjali influwenti fuq il-kalkolu ta' stima.

Fid-dawl ta' dawn il-poteri statutorji tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, it-Tribunal qajla jista' jiccensura lill-Kummissarju u lit-Tax Compliance Unit ghall-fatt li investigaw lir-Rikorrenti, izda fid-dawl tal-firxa wiesgha ta' poteri u tad-diskrezzjoni larga tal-Kummissarju fir-rigward ta' min u ghalfejn tista' ssir investigazzjoni, ma hemmx dubju li biex stima mahruga fil-konfront ta' *taxpayer*, inkluz l-istimi meritu ta' dawn il-proceduri, tigi ikkonfermata, din ghandha tirrizulta ghal kollox gustifikata u ragonveoli, iktar u iktar meta tkun stima *best of judgment* minhabba nuqqas ta' dokumentazzjoni u/jew ko-operazzjoni da parte tat-*taxpayer*.

Tali osservazzjoni ssib konferma fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Mejju 2008[11] fejn gie trattat il-punt fiha sollevat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li fi kwalunkwe stadju tal-proceduri l-oneru tal-prova li l-istima hija eccessiva kien jinkombi fuq it-*taxpayer*, li kellu wkoll jipprova, bi provi attendibbli u serji, l-akkrexximent fil-kapital tieghu. Fir-rigward ta' tali kwistjoni l-Qorti ta' l-Appell osservat illi *apprezzevolment, l-aggravju dedott huwa wiehed ta' interess u ta' importanza qawwija in kwantu jirriverti fuq il-piz tal-provi, u l-aktar, jekk fil-kors tal-kontroversji kontenzjuzi fiskali ghandux dan l-istess piz joxxilla minn parti ghall-ohra, kif hekk inhu l-kaz fi procedimenti civili. Jibda biex jigi registrat bi principju generali tad-dritt processwali civili illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq dak fost il-kontendenti li jallega fatt migjub 'il quddiem b' fondament tat-talba jew ta' l-eccezzjoni. Proprju, fid-distribuzzjoni tal-piz tal-prova tali jsib espressjoni fir-regoli tradizzjonali onus probandi incumbit ei qui dicit u reus excipiendo fit actor. Fil-kaz ta' l-ewwel hu doveruz, b' esigenza logika hafna,*

[11] Decisions of the Court of Appeal, Vol. 6 pg. 268, Kawza Nru. 229.

*illi l-attur li jazzjona hu karikat bil-piz li jipprova l-bazi tad-dritt azzjonat. Fil-kaz tat-tieni, il-konvenut hu mghobbi bl-oneru li jipprova l-eccezzjoni kontrapposta ghall-pretiza ta' l-attur avversarju. B' illustrazzjoni, wiehed jista' jirreferi ghal kaz fejn sid ta' fond mikri jallega destinazzjoni partikolari ta' fond mentri l-kerrej tieghu jallega skop u uzu xort' ohra. F' kaz bhal dan, kif ritenut mill-Qorti ta' l-Appell, l-inkwilin allega fatt pozittiv kuntrarju ghall-uzu effettiv tal-fond u, allura, "ghax reus in excipiendo fit actor il-fatt minnu allegat jikkostitwixxi l-kontroprova minnu offert u dan ghandu jigi provat minnu" ("Francesca Mallia –vs- Salvatore Guillaumier", 12 ta' Jannar, 1962). Premess dan il-kapitolu introduttiv, fil-kontroversji fiskali r-regim tal-provi processwali hu artikolat u regolat fid-dispost ta' l-Artikolu 35 (3) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kapitolu 372). Dan jghabbi fuq spallejn it-taxpayer "il-piz tal-prova illi l-istima li dwarha jsir l-ilment hija eccessiva". Ragonevolment, il-kwalifikazzjoni li taghmel il-ligi tad-deduzzjoni probatorja bhala oggett ta' "piz" necessarjament timporta illi t-taxpayer li jonqos milli jiddizempenja ruhu jitqieghed fi zvantagg billi l-qaghda tithalla fi stat ta' incertezza. Jista' minn naha l-ohra jigri illi fil-kors tal-proceduri t-taxpayer jirnexxielu, b' dimostrazzjoni ta' certu fatt jew fonti ta' prova, jissupera dan il-piz inkombenti, anke jekk sommarjament, billi jadduci elementi sufficjenti ta' prova prima facie. Dan, almenu, nirriskontrawh fi proceduri ta' indoli civili in kwantu hu dottrinalment accettat illi "in civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a 'prima facie' case". (Phipson "On Evidence", Ed. Sweet & Maxwell, 1970, para. 103). Linejarment ma' dan il-hsieb hi, ad ezempju, is-sentenza fl-ismijiet "Joseph Zammit -vs- Joseph Hili", Appell Inferjuri, 27 ta' Gunju, 1953, fejn fiha gie rikonoxxut illi, una volta s-sid-attur ikun ghamel il-prova tad-detenzjoni prekarja tal-fond mill-konvenut, l-oneru tal-prova jigi spustat ("shifted") fuq il-konvenut "ghax jista' jkun stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta". Tinsorgi hawn id-domanda jekk dan l-ispostament tal-piz tal-prova huwiex hekk possibbli w accettabbli fil-kors ta' l-attivita` gudizzjali fi kwestjonijiet fiskali. Minn dak ricerkat jidher li t-twegiba hi fil-posittiv. F' decizjoni tal-Judicial Committee tal-Privy Council moghtija fit-8 ta' Frar, 1971 (per Lord Donovan) fil-kaz "The Argosy Company Ltd -vs- The Commissioner of Inland Revenue", trattasi ta' riferenza mill-Qorti ta' l-Appell tal-Guyana – ara riproduzzjoni ta' siltiet importanti minnha fil-harga tal-gurnal "Times of Malta", Monday, 12$^{th}$ April, 1971 – intqal dan:- "From the express terms of Section 48 (4) (Income Tax Ordinance tal-Guyana) before the Commissioner can make an assessment to the best of his judgement, he must first form an opinion that the person is liable to pay tax. This must mean a rational opinion and not one which flies in face of the facts or which no reasonable person could form. The Representative of the Commissioner of Inland Revenue after admitting that he could not say on what grounds the Commissioner had formed that opinion, contented himself with arguing that the Commissioner had made an assessment to the best of his judgement and that the onus was on the Company to prove that the assessment was excessive". Aktar fundamentali ghall-fattispeci hi din is-silta li ssegwi:*

*"Admittedly the onus of proving that the condition precedent to making an assessment did not exist lay in the first instance on the Company, but in Civil Proceedings the onus shifts from time to time according to the state of the evidence. Here, to put the matter at its lowest, a strong "prima facie" case had been made out that the Commissioner had formed an opinion on liability which no reasonable person could hold. It was then for him, if he could, to show the contrary and he made no attempt to do so".*

Mill-atti jirrizulta bhala fatt li bl-ittra datata 3 ta' Mejju 2010[12] ir-Rikorrenti kienu nfurmati li se jsir *normal compliance control in respect of the VAT Act and the Income Tax Act,* u imbaghad b'ittra datata 11 ta' Gunju 2010[13] huma gew infurmati li *reference is made to the tax enquiry of your statutory tax declarations as per our letter dated 3rd May 2010. You are hereby notified that following this enquiry, the Tax Compliance Unit will be conducting a tax audit of your statutory tax declarations and, where relevant, of any related parties as provided under the Value Added Tax Act and the Income Tax Acts. The tax audit will be carried out on the Income Tax declaration for basis years 2005 to 2008 (Years of Assessment 2006 to 2009) and on the VAT declarations pertaining to the same basis years.*

Ir-Rikorrenti jikkontendu li ma jistghux jifhmu ghalfejn ezercizzju ta' *normal compliance control* spicca f'*tax audit* fil-konfront taghhom izda, fil-fehma tat-Tribunal ir-raguni ghalfejn gara hekk tirrizulta ferm cara mill-iskambju ta' korrispondenza li kien hemm bejn it-Tax Compliance Unit u r-Rikorrenti. Minn dawn id-dokumenti in fatti jidher car li t-Tax Compliance Unit ma kienux sodisfatti bl-ispjegazzjonijiet moghtija mir-Rikorrent dwar ir-raguni ghalfejn ma setghax jipprovdi *bank statements* ta' whud mill-kontijiet bankarji f'ismu ghaliex skontu f'dawn il-kontijiet bankarji kellu flejjes appartenenti lil klijenti u b'hekk koperti bis-sigriet professjonali. Fid-dawl ta' dan ghalhekk semplici kontroll infetah f'investigazzjoni iktar dettaljata biex jkun jista' jsir skrutinju iktar dettaljat tar-reditti dikjarati mir-Rikorrenti tul is-snin in kwistjoni. Hawn ukoll, fil-principju, it-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura fl-agir tal-Kummissarju u tat-Tax Compliance Unit ghar-raguni li tali agir jaqa' entro l-parametri tal-poteri konferiti fuqhom bil-Ligi. Naturalment, li jrid issa jigi determinat huwa jekk fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-istimi eventwalment mahruga fil-konfront tar-Rikorrenti mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud humiex eccessivi jew inkella le.

Sabiex tigi determinata din il-kwistjoni jehtieg li jigu trattati zewg lanjanzi ohra li r-Rikorrenti ghandhom fil-konfront ta' l-operat tat-Tax Compliance Unit u li a bazi taghhom jikkontendu li l-istimi mahruga fil-konfront taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huma ghal kollox zbaljati. Ir-Rikorrenti in effetti jikkontendu li: (i) it-Tax Compliance Unit ingustament, jekk mhux addirittura kontra l-Ligi, baqghu jinsistu ghall-produzzjoni ta' *bank*

---

[12] Fol. 79 u 80 tal-process.
[13] Fol. 86 tal-process.

*statements* ta' kontijiet bankarji fejn hemm depozitati flejjes appartenenti lill-klijenti tar-Rikorrenti; u (ii) il-*Capital Accretion Exercise* a bazi ta' liema spicca biex inhargu l-istimi meritu ta' dawn il-proceduri huwa zbaljati, u effettivament irrizulta li huwa zbaljat.

Mill-provi prodotti rrizulta li waqt l-investigazzjoni fil-konfront tar-Rikorrenti it-Tax Compliance Unit talbu lill-istess Rikorrenti jimlew zewg *Statements of Affairs*, wiehed *Statement of Affairs as at 31st December 1998* u iehor *Statement of Affairs as at 31st December 2008*. Ir-Rikorrenti oggezzjonaw ghal *Statement of Affairs as at 31st December 1998* u fil-fatt irrifjutaw li jissottomettu l-istess u ssottomettew biss *Statement of Affairs as at 31st December 2008*. Filwaqt li jidher li t-Tax Compliance Unit ma baqghux jinsistu ghal *Statement of Affairs as at 31st December 1998*, baqghu jinsistu fuq il-produzzjoni tal-*bank statements* tal-kontijiet bankarji dikjarati mir-Rikorrenti fl-*iStatement of Affairs as at 31st December 2008*. Madanakollu però ir-Rikorrenti pprovdew *bank statement* ta' kont bankarju iehor li ma kienx wiehed miz-zewg kontijiet bankarji minnhom stess indikati fl-*iStatement of Affairs as at 31st December 2008*. Logikament it-Tax Compliance Unit insistew fuq is-sottomissjoni ta' *bank statements* relattivi ghall-kontijiet bankarji msemmija mir-Rikorrenti fl-*iStatement of Affairs* taghhom izda huma rrifjutaw in bazi ghall-iskuza li f'dawn il-kontijiet bankarji kien hemm flejjes appartenenti lill-klijenti taghhom li ghalhekk kienu koperti bis-sigriet professjonali u kunfidenzjalità. Apparte minn hekk mill-*bank statement* provdut mir-Rikorrenti rrizultaw trasferimenti ta' fondi ghal zewg kontijiet bankarji ohra (ossia kontijiet differenti mit-tlett kontijiet bankarji li t-Tax Compliance Unit saret taf bihom) fir-rigward ta' liema zewg kontijiet bankarji ulterjuri r-Rikorrenti mill-gdid u ghall-istess raguni ta' kunfidenzjalità u segretezza professjonali rrifjutaw li jaghtu l-*bank statements* relattivi.

Jekk din il-kwistjoni tigi kkunsidrata b'mod superficjali tista' tintlahaq il-konkluzzjoni zbaljata li t-Tax Compliance Unit ma kellhom l-ebda dritt fil-Ligi li jinsistu ghall-produzzjoni ta' *bank statements* ta' kontijiet bankarji li fihom hemm flejjes appartenenti lill-klijenti tar-Rikorrenti izda, konsierazzjoni iktar akkurata tal-kwistjoni turi bic-car li s-sitwazzjoni ma kenitx daqshekk netta daqs kemm jaghtu *ad intendere* r-Rikorrenti. In fatti jirrizulta li l-kontijiet bankarji li taghhom it-Tax Compliance Unit kienu qed jippretendu l-*bank statements* kienu kontijiet f'isem ir-Rikorrent li ma kienux denominati bhala Clients' Account **u** li fihom ir-Rikorrent kien jircievi mhux biss flejjes ghan-nom tal-klijenti izda anke flejjes bhala hlas ghas-servizzi prestati lill-klijenti tramite il-prattika CDF Advocates.
Li dawn il-kontijiet bankarji kellhom, biex jinghad hekk, natura mista, ossia li fihom kienu jidhul kemm flejjes ghan-nom tal-klijenti tar-Rikorrent kif ukoll hlasijiet lir-Rikorrent ghas-servizzi prestati minnu, johrog b'mod car mix-xhieda ta' Dion Borg moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012[14], fejn

[14] Fol. 68 sa' 79 tal-process.

iddikjara *it-talbiet* [li saru da parte tat-Tax Compliance Unit] *huma dokumentati, huma fuq l-informazzjoni fuq l-operat tal-prattika legali, tajnihom l-informazzjoni tal-bills kollha li hargu, bl-expenses kollha li harug. L-unika diffikultà li kien hemm kienet fuq prezentazzjonijiet ta' dawn il-bank statements li kien hemm transazzjonijiet tal-klijenti. Ftehmna maghhom ukoll li, isma jekk ingibuhom dawn x'se jigri, se sasquna imbaghad biex nispjegawlkom xi transazzjoni partikolari u qalulna iva u ghednilhom, mela ma nistghux naghtuhomkom ghax ha niddisclosjaw it-transazzjonijiet kollha li ghamlu l-klijenti.* In risposta ghall-mistoqsija tat-Tribunal *dawn it-transactions li jkun hemm fihom dawn l-accounts, x'kien l-iskop taghhom, jigifieri jiena naf li avukat jaf ikun qieghed f'sitwazzjoni fejn ikollu jzomm flus li fil-verità jkunu tal-klijent ghan-nom tal-klijent, so that is one thing. Però nafu daqstant iehor tajjeb li avukat jithallas tas-servizzi li jaghti, dawn l-accounts partikolari x'kienu, jew transazzjonijeit partikolari?* Dion Borg irrisponda *kien fihom zewg transazzjonijiet l-istess, fees ta' Dr. Frank u fondi tal-klijenti.* Ghall-mistoqsija ulterjuri tat-Tribunal *u dawn kienu dejjem go l-istess account?* Dion Borg irrisponda *kienu qeghdin jidhlu u johorgu minn accounts differenti skond is-sitwazzjoni li tkun. Nixtieq niccara punt, minn naha taghna meta rajna d-diffikultà li kellu d-dipartiment u spjegajna d-diffikultà li ghandna ahna, ghednilhom ahna nistghu naghtukom declaration li minn dawn l-accounts qatt ma ngibdu cash funds, jigifieri mhux xi haga li gibed il-flus. Dr. Frank biex juzahom ghalih, u wkoll tajnihom declaration tal-bilanci li kien hemm at the end of each year, biex jaraw li ma kienx hem xi accumulation.* Fuq domanda mill-gdid tat-Tribunal dwar in-natura tal-kontijiet bankarji li taghhom ir-Rikorrenti ma pprovdewx *bank statements,* Dion Borg irrisponda *l-iskop eventually kien li jigu channelled il-fondi tal-klijenti. Il-problema li ma kienx hemm account wiehed biss, for practical reasons kien hemm a number of accounts u min-naha tat-TCU ippretendew li jkun hemm account wiehed biss u kollox jigi channelled fih.* In risposta ghall-mistoqsija *jigifieri, dawn kienu flus li gejjin minn klijent ghal dan l-avukat for transfer to a third party jew bil-kontra?* Dion Borg irrisponda *Iva* u ghall-mistoqsija *u ma kienx hemm fiha dana, transazzjonijiet li fil-fatt kienu pagamenti ta' servizzi?* Dion Borg irrisponda *kien hemm instances li dahlu wkoll, ghax generalment il-klijent jaghmel one whole payment, fejn ikun hemm parti for the fee u parti l-fondi l-ohrajn, biss li kien qed jaghmel Dr. Frank huwa li eventually il-fees tieghu jinqalghu minn hemm u jigu depozitati go account iehor.*

Minn din ix-xhieda johrog car ghalhekk li r-Rikorrent stess bil-prattika minnu adottata dwar iz-zamma ta' flejjes appartenenti lill-klijenti tieghu, ossia li dawn il-flejjes ikunu mhallta ma' flejjes derivanti lilu direttament mill-ezercizzju tal-professjoni tieghu, qieghed lilu nnifsu fl-impossibilità li jissodisfa talba legittima u legali tat-Tax Compliance Unit ghall-*bank statements* ta' dawn il-kontijiet bankarji li fl-ahhar mill-ahhar fihom ukoll flejjes appartenenti lir-Rikorrent stess u mhux biss lill-kliljenti tieghu. Ladarba r-Rikorrent qieghed lilu nnifsu f'din is-sitwazzjoni ma ghandux assolutament ragun jsostni li t-talba tat-Tax Compliance Unit ghall-

produzzjoni ta' *bank statements* ta' dawn il-kontijiet kienet illegittima u lanqas ma ghandu ragun jargumenta li r-Rapport tat-Tax Compliance Unit, u konsegwentement l-istimi li hargu a bazi ta' dak l-istess Rapport, huma ghal kollox zbaljati u ma jistghux jigu sostnuti.

Fl-istess imsemmija xhieda Dion Borg iddikjara li r-Rikorrent kien dispost jipprovdi l-ammont tal-*fees* tieghu derivanti minn servizzi partikolari biex dawn l-ammonti li jingibdu minn dawn il-kontijiet jistghu jigu pparagunati ma' depoziti f'kontijiet bankarji ohra u kien dispost jaghti wkoll rendikonti ta' kull sena tal-bilanci totali ta' dawn il-kontijiet, izda dawn is-suggerimenti ma gewx, skontu ingustament, accettati mit-Tax Compliance Unit. It-Tribunal hawn ukoll ma jsibx x'jiccensura fl-operat tat-Tax Compliance Unit u dan ghar-raguni li minhabba l-mod kif ir-Rikorrenti ghazlu li jipprocedu fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet maghmula minnhom fl-*iStatement of Affairs as at 31st Decembru 2008*, ossia fejn ma ndikawx il-kontijiet bankarji kollha li kellhom f'isimhom izda indikaw tnejn biss, dwar liema xorta ma riedux jipprovdu *bank statements* taht il-pretest tas-segriet professjonali u l-kunfidenzjalità, u kienu it-Tax Compliance Unit stess li fil-kors ta' l-investigazzjonijiet taghhom skoprew tlett kontijiet bankarji ohra, dwar liema wkoll ir-Rikorrenti ma riedux jipprovdu *bank statements*, l-istess Rikorrenti irrendew ruhhom mhux affidabbli f'ghajnejn it-Tax Compliance Unit li gustament ma kienux disopsti jaccettaw l-ebda dokument u/jew assigurazzjoni ohra jekk mhux *bank statements* attwali tal-kontijiet in kwistjoni.

Jigi osservat ukoll li r-Rikorrenti jikkritikaw lit-Tax Compliance Unit – u fil-fatt jressqu tali kritika bhala aggravju formali fuq liema jibbazaw l-appell taghhom – ghaliex ma ppruvawx jottjenu l-informazzjoni mehtiega fir-rigward ta' *taxable sales* maghmula minnhom taht il-prattika legali bl-isem CDF Advocates direttament minghand il-klijenti taghhom. Fir-rigward Dion Borg iddikjara *konna wkoll tajnihom proposta biex jaghmlu audit trail ma' any potential client li jahsbu li stajna iddiljana mieghu, tajnihom lista ta' kumpanniji li Frank kien jaghti servizz, ikkonfermaw lit-TCU anke fir-rapport taghhom stess li bhala servizzi ma konniex qed naghtu lill-individwi imma l-bulk kien corporate clients u ma nistax nifhem ghaliex ma ndenjawx ruhhom jaghmlu audit trail, jigifieri jikkuntattjaw dawn il-corporate clients u jivverifikaw maghhom x'pagamenti u x'servizzi qieghed jaghti*[15].

F'dan ir-rigward ukoll però it-Tribunal ma jqisx li l-kritika tar-Rikorrenti u tar-rapprezentant taghhom Dion Borg hija korretta u gustifikata. Jibda biex jinghad li in kwantu rigwarda l-kontijiet bankarji kontezi bejn ir-Rikorrenti u it-Tax Compliance Unit, li evidentement kienet u ghadha kwistjoni fundamentali fil-kaz in ezami, minghajr *bank statements* fuq xiex it-Tax Compliance Unit setghu jimxu kwalunkwe *audit trail* kienet tkun ezercizzju parzjali ghaliex l-informazzjoni moghtija ma tkunx tista' tigi vverifikata fl-intier taghha. Apparte minn hekk, fir-rigward tad-depoziti maghmula fil-

[15] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012, fol. 70 tal-process.

kontijiet bankarji dwar liema r-Rikorrenti ma riedux jaghtu *bank statements*, x'sens kien jaghmel li t-Tax Compliance Unit jmorru ghand il-klijenti tar-Rikorrenti biex jaghtuhom informazzjoni dwar it-transazzjonijiet taghhom – ghaliex fl-ahhar mill-ahhar hawn qed nitkellmu, ghall-inqas a detta tar-Rikorrenti, dwar transazzjonijiet ta' terzi, meta r-Rikorrent stess, li fl-ahhar mill-ahhar kien il-konsulent taghhom, seta' hu stess talabhom l-awtorizzazzjoni biex jiddivulga l-informazzjoni mehtiega minghajr il-biza jew preokkupazzjoni ta' riperkussjonijiet eventwali kemm ta' natura kriminali kif ukoll ta' natura civili. Dana johrog b'mod car mill-Artikolu 6(1) ta' l-Att dwar is-Segretezza Professjonali, Kap.377 tal-Ligijiet ta' Malta, li kjarament jipprovdi li *tkun difiza ghal akkuza ta' kxif ta' taghrif sigriet kontra l-artikolu 257 tal-Kodici Kriminali jekk jigi ppruvat li t-taghrif sigriet ikun inkixef mill-persuna akkuzata, biss meta din giet awtorizzata taghmel dan mill-persuna li tkun fdatilha dak it-taghrif.*

Fid-dawl ta' dan it-Tribunal jirribadixxi illi kien ir-Rikorrent stess li qieghed lilu innifsu f'posizzjoni fejn ma setghax jissodisfa t-talba legittima u legali tat-Tax Compliance Unit ghall-*bank statements* ta' dawn il-kontijiet bankarji li fl-ahhar mill-ahhar fihom ukoll flejjes appartenenti lir-Rikorrent stess u mhux biss lill-kliljenti tieghu. B'hekk, fin-nuqqas ta' kooperazzjoni da parte tar-Rikorrenti t-Tax Compliance Unit gustament ipprocedew bl-investigazzjoni taghhom ghad-determinazzjoni ta' dhul reali tar-Rikorrenti a bazi ta' informazzjoni li kellhom a disposizzjoni taghhom izda anke a bazi ta' numru ta' assunzjonijiet pertinenti ghall-kaz in ezami, in bazi ghal liema informazzjoni w assunzjonijiet sar *Capital Accretion Exercise* li jifforma l-bazi ta' l-istimi meritu ta' dawn il-proceduri.

F'dan l-istadju jehtieg issa jigu trattati l-ilmenti tar-Rikorrenti fir-rigward tal-*Capital Accretion Exercise* maghmul mit-Tax Compliance Unit.

Tramite x-xhud Dion Borg ir-Rikorrenti jikkontendu li l-*Capital Accretion Exercise* maghmul mit-Tax Compliance Unit fih hafna zbalji bil-konsegwenza ghalhekk li l-istimi mahruga in bazi ghal tali *Capital Accretion Exercise* huma zbaljati wkoll. Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012[16], Dion Borg iddikjara li *r-rapport huwa bbazat fuq allegat capital accretion fejn hemm zball car ta' ammont li hawn qed jikkwotaw zewg figuri, deposit ta' 15,000 li fil-fatt kienu fondi ta' klijent, fil-fatt din l-issue tal-capital accretion digà imbaghad giet ikklerjata mar-rapprezentanti ta' l-Inland Revenue fejn bazikament injorah kompletament. Hemm tlett zbalji ovvji, f'deposit ta' 15,000 li kienu fondi ta' klijent u hemm dokumentazzjoni f'kuntratt pubbliku. Hemm ammont ta' capitalization li huma qed jghidu li minn naha ta' Dr. Frank injektja flus gol-kumpanija, meta fil-fatt dawn kienu loan u fajjru figura ta' cost of living li, ma nafx jien min jonfoq dawk il-flus biex jghix, definitely kieku il-Ministru tal-Finanzi jkollu jgholli l-cost of living sew. Fuq*

[16] Fol. 68 sa' 77 tal-process.

*dawn it-tlett affarijiet il-capital accretion huwa kompletament zbaljat u din giet ikkonfermata anke mir-rapprezentanti ta' l-Inland Revenue.*

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet[17] taghhom ir-Rikorrenti sahqu li *l-kalkoli matematici maghmula mit-TCU fil-capital accretion exercise jinkludu figura ta' Lm39,980 'investment in Fintel Ltd' meta l-istess Claudia Borg xehdet illi lanqas biss indenjat ruhha li thares lejn jew issaqsi ghall-accounts ta' Fintel Ltd – accounts disponibbli anke ghall-membri tal-pubbliku permezz tar-Registru tal-Kumpanniji, u kellu jkun it-Tribunal illi accetta t-talba ta' l-appellanti illi jpproducu dawn l-accounts, kif fil-fatt qed jaghmlu l-appellanti billi jezebuhom ma' din in-nota. Minn dawn id-dokumenti jirrizulta li l-kapital ta' Fintel Ltd fl-2004 kien Lm500 biss (Dok. F1) u l-kapital tela ghal Lm39,980 fl-2005 (Dok. F2) b'konsegwenza ta' merger meta Fintel Ltd. amalgamat maghha tlett kumpanniji ohra li wkoll kienu ta' l-istess appellanti (ara "Report of the Director" taht "Post balance sheet events" f'pagna 1 tad-Dok. F1) u per konsegwenza l-kapital nominali ta' Fintel Ltd kellu jizdied billi sar is-somma totali tal-kapital tal-kumpanniji assorbiti. Dan ifisser li ma kien hemm l-ebda injezzjoni ta' kapital gdid maghmul mill-appellanti fl-2004 u fl-2005 go Fintnel Ltd u in fatti l-kapital baqa' Lm39,980 (€93,128 meta saret il-konverzjoni ghall-Euro) ghas-snin kollha susseqwenti kif jirrizulta mid-dokumenti annessi F3 sa' F8 li huma l-financial statements ta' Fintel Ltd mill-2006 sa' l-2011. Ghalhekk fuq din il-bazi biss digà l-capital accretion exercise ghandu jigi rivedut* b'dan li s-somma rapprezentanti *total deficiency over 4 years* tonqos minn Lm82,048 ghal Lm42,068 u s-somma rapprezentanti *annualized deficieny* tonqos minn Lm20,512 ghal Lm10,517[18].

Dejjem fl-istess Nota ta' Sottomissjonijiet jikkontendu wkoll li *hemm ukoll difetti lampanti ohrajn f'dan l-ezercizzju. Il-living expenses ta' Lm67,500 huma totalment esagerati, meta wiehed iqis li skond il-Gvern ta' Malta familja kienet tista' facilment tghix f'Malta bi dhul ta' Lm3000 (€7000) fis-sena bejn is-snin 2005 u 2008. B'din il-figura it-TCU qed jippretendi li l-appellanti kellhom bzonn Lm16,875 cioè madwar €40,000 fis-sena ghall-ghixien ta' kuljum, ghad-divertiment u ghall-iskola tat-tfal (paragrafu 12 f'pagna 8 tat-Tax Audit Report) – jigifieri kwazi sitt darbiet aktar mill-figura li skond l-istess Gvern hija bizzejjed biex wiehed jghix decentement biha. Dan meta t-tlett itfal tar-rikorrenti kellhom sentejn, sentejn u hames snin fl-2005 u ghalhekk sa' l-2008 kellhom hames, hames u tmien snin rispettivament u ghalhekk tnejn minnhom lanqas kienu ghadhom bdew l-iskola fl-2005. Jekk wiehed ghall-grazzja ta' l-argument imqar inaqqas din il-figura b'35% - u xorta tibqa fugira gholja, tenut kont ukoll li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni innfisu naqqas l-istima originali tat-TCU b'40% - tirrizulta l-posizzjoni segwenti* fejn l-ammont rapprezentanti *total deficiency over 4 years* minn Lm82,048 jinzel ghal Lm18,443 u l-ammont rapprezentanti *annualized*

[17] Fol. 132 sa' 144 tal-process.
[18] Para. 19 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti.

*deficiency* minn Lm20,512 jinzel ghal Lm4,610.75[19]. Jikkontendu ulterjorment illi *difett iehor car huwa dak fil-paragrafu 10 (pagni 7 u 8) tat-Tax Audit Report, fejn it-TCU jassumi illi l-appellanti gemmghu Lm14,000 fis-sena cioè Lm56,000 (ekwivalenti ghal €130,000) fuq erba' snin. Dan meta skont l-istess Claudia Borg it-TCU ma kellu l-ebda indizzju jew suspett fejn setghu marru jew gew minfuqa dawn il-flus. Kieku l-appellanti kienu kapaci jgemmghu €130,000 f'erba snin allura wiehed jista' jipprezumi li ghamlu xi haga b'dawk il-flus mhux hallewhom taht il-maduma. Anke hawn, jekk wiehed inaqqas il-figura tat-TCU b'35% - u ghal darb' ohra din xorta tibqa' figura gholja* – l-ammont rapprezentanti *total deficiency over 4 years* minn Lm82,048 jinzel ghal Lm1,157 u l-ammont rapprezentanti *annualized deficiency* minn Lm20,512 jinzel ghal Lm289.25[20]. *Dan kollu jfisser li semplicement minhabba l-izball lampanti li ghamel it-TCU fir-rigward ta' l-investiment fil-Fintel Ltd u billi wiehed semplicement jirriduci il-figuri tal-living expenses u tal-bank savings b'35% biss biex jaghmilhom ftit aktar ragonevoli, pero xorta aktar gholja mill-figuri li wasal ghalihom il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, l-ezercizzju ta' capital accretion tat-TCU jisfaxxa kompletament fix-xejn[21].*

Fir-rigward ta' tali sottomissjonijiet it-Tribunal josserva li ghalkemm ir-Rikorrenti – u anke r-rapprezentant taghhom Dion Borg – ripetutament jikkontendu li l-*Capital Accreation Exercise* tat-Tax Compliance Unit gie injorat jew ta' l-inqas tnaqqas sostanzjalment mill-Kummissarju tat-Taxxi fir-rigward ta' l-istimi dwar it-taxxa fuq id-dhul, ossia l-fergha l-ohra milquta mill-ezercizzju tat-Tax Compliance Unit, huma ma ressqu assolutament l-ebda prova fir-rigward. Ghalkemm già fil-11 ta' Dicembru 2012 Dion Borg kien qed jikkontendi li certi figure li skontu huma zbaljati gew accettati bhala tali mir-rapprezentant tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u b'hekk ma gewx ikkunsidrati jew tnaqqsu u gew riveduti skond il-kaz, ghal raguni li t-Tribunal assolutament ma jistax jifhem ir-Rikorrenti, flok ma ressqu il-provi taghhom fir-rigward, fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012 – u cioè dakinhar stess li xehed Dion Borg – iddikjaraw li ma ghandhomx iktar provi x'jressqu in sostenn ta' l-appell taghhom mill-istimi mertu ta' dawn il-proceduri.

Kien biss fi stadju inoltrat tal-proceduri u senjatament fis-27 ta' Gunju 2013 illi ir-Rikorrenti talbu *inter alia* li jigu awtorizzati jipprezentaw fl-atti ta' dawn il-proceduri x-xhieda li ghad trid tigi pprezentata fil-kawza fl-ismijiet "XX vs. Kummissarju tat-Taxxi Interni" pendenti quddiem dan it-Tribunal peress illi tali xhieda tista' tkun rilevanti ghad-decizjoni ta' dan il-kaz.

B'Digriet moghti fis-16 ta' Lulju 2013[22], it-Tribunal cahad din it-talba partikolari tar-Rikorrenti in bazi ghas-segwenti raguni: *ghalkemm il-proceduri fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rikors Nru. XX*

---

[19] Para. 20 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti.
[20] Para. 21 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti.
[21] Para. 22 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti.
[22] Fol. 129 sa' 131 tal-process.

*gew istitwiti fit-2 ta' Novembru 2012, fil-proceduri in ezami r-Rikorrenti volontarjament iddikjaraw li ghalqu l-provi taghhom fil-11 ta' Dicembru 2012, ossia wara li kienu intavolaw l-appell kontra l-istimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u ghalhekk ma jistghux jiggustifikaw it-talba minnhom avvanzata waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju 2013 fuq il-fatt li l-appell kontra l-istimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni gie intavolat wara dawn il-proceduri. B'hekk jigi ribadit li it-talba tar-Rikorrenti sabiex l-istadju tal-provi f'dawn il-proceduri jerga' jinfetah u jibqa' hekk miftuh jew alternattivament li dawn il-proceduri jibqghu sospizi, sakemm jinghalqu l-proceduri fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rikors Nru. XX, hija proceduralment inammissibbli.*

B'hekk f'dan l-istadju u fid-dawl ta' dak kollu appena osservat, kwalunkwe allegazzjoni da parte tar-Rikorrenti li l-*Capital Accretion Exercise* tat-Tax Compliance Unit gie injorat jew ta' l-inqas tnaqqas sostanzjalment mill-Kummissarju tat-Taxxi fir-rigward ta' l-istimi dwar it-taxxa fuq id-dhul in kwantu manifestament zbaljat, ma tista' titqies bhala xejn aktar hlief mera allegazzjoni li ma gietx minnhom debitament ippruvata.

Apparte t-talba appena imsemmija, waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju 2013 ir-Rikorrenti talbu wkoll sabiex fid-dawl tax-xhieda ta' Claudia Borg moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2013, fejn iddikjarat li ma vverifikatx l-accounts tas-socjetà Fintel Limited, jigu awtorizzati jipprezentaw tali accounts, li huma dokumenti pubblici, ghall-konsiderazzjoni tat-Tribunal. Din it-talba partikolari tar-Rikorrenti giet milqugha bid-Digriet tas-16 ta' Lulju 2013 u r-Rikorrenti, flimkien man-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom, esebew ir-*Reports and Financial Statements* tas-socjetà Fintel Limited ghas-snin 2004 sa' 2011[23].

B'dawn id-dokumenti r-Rikorrenti jippruvaw jilqaghu ghal u jgibu fix-xejn il-konsiderazzjonijiet tat-Tax Compliance Unit dwar is-somma ta' Lm39,980 li huma stess iddikjaraw (u dana fl-i*Statement of Affairs as at 31st December 2008*) li investew fis-socjetà Fintel Limited fl-2006. Peress illi t-Tax Compliance Unit waslu ghall-konkluzzjoni li dan l-investiment kien gej minn fondi personali tar-Rikorrenti, il-figura ta' Lm39,980 ittiehdet in konsiderazzjoni fil-*Capital Accretion Exercise*. Ir-Rikorrenti jikkontendu però li dan 'l hekk imsejjah investiment ma kien investiment xejn u allura l-figura ta' L,m39,980 ma kellhiex tittiehed in konsiderazzjoni fil-*Capital Accretion Exercise*.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom ir-Rikorrenti jikkontendu li ma kien hemm l-ebda *injection of funds* parte taghhom fis-socjetà Fintel Limited izda kull ma kien hemm kien zieda fix-*share capital* ta' l-imsemmija socjetà in segwitu ghall-amalgamazzjoni tas-socjetajiet FM Limited, Datatrust Limited u Maltaresidence Limited fis-socjetà Fintel Limited.

[23] Dok. "F1" sa' Dok. "F8" a fol. 145 sa' 237 tal-process.

Wara li qies u kkonsidra l-affidavit tar-Rikorrent XXX[24], ix-xhieda ta' Dion Borg[25], ir-*Reports and Financial Statements* tas-socjetà Fintel Limited ghas-snin 2004 sa' 2011 esebiti flimkien man-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti w id-dokumenti li gew esebiti mir-Rikorrenti b'Nota pprezentata fis-6 ta' Mejju 2016 in segwitu ghad-Digriet tat-Tribunal tat-3 ta' Mejju 2016, it-Tribunal ma huwiex affattu konvint mill-fondatezza u veracità ta' dak affermat mir-Rikorrenti.

Jibda biex jigi osservat li dak affermat minn Dion Borg waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012, ossia li dan l-allegat investiment ta' Lm39,980 da parte tar-Rikorrenti fis-socjetà Fintel Limited ma kien investiment xejn ghaliex in verità kien gej minn hafna snin lura u kien *capitalization* ta' *shareholder's loans*, ma jaqbel assolutament xejn mal-provi li ressqu r-Rikorrenti u ma' dak minnhom sottomess fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom. Ir-Rikorrenti issa mhux qed jghidu li dan kien *capitalization* ta' *shareholder's loans* izda li huwa konsegwenza ta' amalgamazzjoni bejn socjetajiet.

In kwantu rigwarda din l-amalgamazzjoni u z-zieda fix-*share capital* tas-socjetà Fintel Limited, mit-*Terms of Merger* esebiti mir-Rikorrenti permezz ta' Nota pprezentata fis-6 ta' Mejju 2016 jirrizulta li *the amalgamation shall be effected by means of a merger by acquisition as described in Section 343(2) of the Act. The acquiring company shall acquire all the assets and liabilities of the companies being acquired, in exchange for the issue of shares to the shareholders of the latter companies*. Kull wahda mit-tlett kumpanniji li gew amalgamati mas-socjetà Fintel Limited kellha bhala l-unika azzjonist taghha s-socjetà Interlex Services Limited li kellha *500 ordinary shares of Lm1 each fully paid up* fis-socjetà Datatrust Limited, 15,000 *ordinary shares of Lm1 each fully paid up* fis-socjetà FM Limited u *500 ordinary shares of Lm1 each fully paid up* fis-socjetà Maltaresidence Limited. Fit-*Terms of Merger* gie stabbilit li *the share exchange ratio is 2.13 in the case of the shareholders of Datatrust Limited, 2.51 in the case of the shareholders of FM Limited* u *1.40 in the case of the sahreholders of Maltaresidence Limited. And consequently the acquiring company will allot the following shares to the shareholders of the companies being acquired. To shareholders of Datatrust Ltd. – 1063 Ordinary Shares of Lm1 each fully paid up; FM Limited – 37,719 Ordinary Shares of Lm1 each fully paid up; Maltaresidence Limited 698 Ordinary Shares of Lm1 each fully paid up. No cash payment will be made to the shareholders of the companies being acquired.*

Fid-dawl ta' dak provdut fit-*Terms of Merger* jirrizulta li b'effett mid-data ufficjali ta' tali amalgamazzjoni s-socjetà Interlex Services Limited, bhala l-unika azzjonista tas-socjetajiet FM Limited, Datatrust Ltd. u Maltaresidence Limited, kellha 39,980 *Ordinary shares of Lm1 each fully paid up* fis-socjetà

[24] Dok. "FCD" a fol. 19 sa' 21 tal-process.
[25] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012, fol. 68 sa' 77 tal-process.

Fintel Limited. Peress illi r-Rikorrent già kien azzjonist fis-socjetà Fintel Limited jirrizulta li in segwitu ghal tali amalgamazzjoni l-azzjonisti ta' Fintel Limited kienu tnejn: ir-Rikorrent u Interlex Services Limited. Is-sitwazzjoni però ma jidhirx li baqghet hekk ghaliex fl-affidavit tieghu pprezentat fil-11 ta' Dicembru 2012[26], ir-Rikorrent iddikjara li s-socjetà Fintel Limited hija socjetà li **taghha huwa l-uniku direttur u azzjonist uniku**. Dan fil-fehma tat-Tribunal ma jistax ifisser hag' ohra hlief li in segwitu ghall-amalgamazzjoni u l-assenjazzjoni ta' l-ishma a favur Interlex Services Limited fis-socjetà Fintel Limited, ir-Rikorrent akkwista l-ishma ta' l-istess Interlex Services Limited biex spicca azzjonist uniku tas-socjetà Fintel Limited.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk it-Tribunal iqis li t-Tax Compliance Unit korrettament u gustament hadu s-somma ta' Lm39,980 in konsiderazzjoni fil-*Capital Accretion Exercise* esegwit minnhom u konsegwentement ghalhekk it-tnaqqis pretiz mir-Rikorrenti ma jistax jigi accettat.

Ir-Rikorrenti jikkontendu wkoll li l-Living Expenses fl-ammont ta' Lm67,500 fuq medda ta' erba' snin determinati mit-Tax Compliance Unit huma ezagerati u kjarament skorretti. Fir-rigward fix-xhieda tieghu Dion Borg iddikjara li *fajjru figura ta' cost of living li ma nafx jien min jonfoq dawk il-flus biex jghix, definitely kieku l-Ministru tal-Finanzi jkollu jgholli l-cost of living sew.* Il-prova, jekk effettivament tali affermazzjoni ta' Dion Borg tista' tissejjah prova, dwar din il-pretensjoni partikolari taghhom, u cioè li l-ammont ta' Lm67,500 bhala Living Expenses huwa ezagerat, waqfet hemm. Kien biss fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom li r-Rikorrenti rreferew ghall-minimum wage f'Malta tul is-snin in kwistjoni, ossia 2005, 2006, 2007 u 2008, bhala prova biex jissosstanzjaw il-pretensjoni taghhom li appuntu tali ammont ta' Lm67,500 bhala Living Expenses huwa ezagerat.

Fir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghall-principju ormai stabbilit fis-sistema guridika nostrali li *dak li jinghad mid-difensuri fit-trattazzjoni orali jew skritta ma jikkostitwixxix prova u ghalhekk l-atturi ma jistghux fit-trattazzjoni taghhom jaghmlu prova u jgibu difizi li ma tqajjmux waqt il-kawza*[27]. Fid-dawl ta' tali principju t-Tribunal ma jistax iqis il-figuri tal-*minimum wage* citati mir-Rikorrenti fin-Nota ta' Sottoissjonijiet taghhom bhala prova valida in sostenn tal-pretensjoni li l-figura ta' Lm67,500 bhala Living Expenses hija ezagerata. Jekk riedu jaghmlu tali paragun, il-prova kellha titressaq b'mod formali u proceduralment korrett waqt is-smigh tal-proceduri.

Detto ciò t-Tribunal xorta wahda ma jaqbilx mas-sottomissjoni tar-Rikorrenti ibbazata fuq il-kuncett tal-*minimum wage* u dan ghar-raguni li l-*minimum wage* hija appuntu l-**minimu** li jrid jinghata bi hlas lill-impjegat biex ikun jista' jissodisfa l-bzonnijiet **bazici** tieghu. Fid-dawl tan-natura proprja tal-

[26] Dok. "FCD" a fol. 19 sa' 21 tal-process.
[27] Josephine mart Vincent Sammut et v. Lorenzo Agius et, Citaz. Nru. 367/93 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Novembru 1996 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Frar 2001.

*minimum wage* ma jistax jitqies li din tikkostitwixxi t-*threshold* ta' dak mehtieg minn **familja biex tista' tghix facilment**.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk it-Tribunal iqis li l-pretensjoni tar-Rikorrenti li l-ammont ta' LM67,500 bhala Living Expenses mehud in konsiderazzjoni fil-*Capital Accretion Exercise* tat-Tax Compliance Unit ma huwiex ezagerat u konsegwentement it-tnaqqis pretiz minnhom, tnaqqis li fi kwalunkwe kaz ma jirrizulta bl-ebda mod gustifikat, ma jistax jigi accettat.

Ir-Rikorrenti jsostnu wkoll li l-assunzjoni tat-Tax Compliance Unit li fuq medda ta' erba' snin huma gemmghu is-somma komplessiva ta' Lm56,000 hija ghal kollox zbaljata. Hawn ukoll ir-Rikorrenti ma ressqux prova tangibbli ta' din l-affermazzjoni taghhom, prova fil-fehma tat-Tribunal mehtiega fid-dawl tal-fatt li l-istess Rikorrenti ma rnexxilhomx ixejnu l-konstatazzjonijiet u konkluzzjonijiet l-ohra tat-Tax Compliance Unit, liema konstatazzjonijiet u konkluzzjonijiet huma fl-ahhar mill-ahhar marbuta wahda ma' l-ohra. Apparte minn hekk fejn fis-sottomissjonijiet taghhom ir-Rikorrenti jikkontendu li l-figura tat-Tax Compliance Unit bhala flus li huma setghu gemmghu tul medda ta' erba' snin ghandha titnaqqas b'35%, huma naqsu milli jispjegaw u iktar u iktar jiggustifikaw bi provi sodisfacenti dan it-tnaqqis f'tali percentagg.

Ghalhekk f'dan il-kaz ukoll it-Tribunal iqis li l-figura adottata mit-Tax Compliance Unit fil-*Capital Accretion Exercise* in kwantu rigward flejjes li setghu gemmghu r-Rikorrenti fuq medda ta' erba' snin ma gietx sodisfacentement kontradetta w imxejna. Konsegwentement ghalhekk it-tnaqqis pretiz mir-Rikorrenti in kwantu rigwarda tali ammont ma jistax jigi accettat.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat u fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, inkluz l-atteggjament u l-attitudini adottata mir-Rikorrenti tul il-kors tat-*tax audit* fil-konfront taghhom u n-nuqqas ta' provi sodisfacenti da parte taghhom f'dawn il-proceduri, it-Tribunal iqis li l-*Capital Accretion Exercise* esegwit mit-Tax Compliance Unit huwa wiehed gust u ragonevoli u ma hemmx lok li l-istess jigi skartat jew varjat.

Jigi in fine osservat illi r-Rikorrenti jilmentaw ukoll mill-mod kif tmexxa l-process tar-*Review* ta' l-istimi li nhargu fil-konfront taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Huma jikkontendu li r-Review Officer Jesmar Bilocca kellu jaghtihom l-opportunità li jressqu s-sottomissjonijet taghhom in opposizzjoni ghall-istimi provvizorji li nhargu fil-konfront taghhom u dana nonostante l-fatt li l-posizzjoni taghhom in kwantu rigwarda l-*bank statements* tal-kontijiet bankarji fejn skonthom kien hemm depozitati flejjes tal-klijenti taghhom baqghet l-istess.

Wara li qies ix-xhieda ta' Jesmar Bilocca[28] u s-sottomissjonijiet tar-Rikorrenti fir-rigward, it-Tribunal ma jistax jifhem ghaliex fil-kaz in ezami l-istess Jemar Bilocca applika, imqar sa' certu punt tal-konsiderazzjonijiet tieghu, l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-kaz in kwistjoni huwa evidenti li l-punt centrali li baqghu jishqu fuqu r-Rikorrenti kien li kienu qed **jirrifjutaw** li jipprovdu *bank statements* ta' dawk il-kontijiet bankarji li skonthom fihom kien hemm ukoll flejjes appartenenti lill-klijenti taghhom. Ladarba r-Rikorrenti kienu qed **jirrifjutaw** li jipprovdu tali dokumentazzjoni, it-Tribunal ma jarax kif l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta japplika f'dan il-kaz.

L-imsemmi provvediment tal-Ligi jipprovdi li: *il-Kummissarju jista', f'kull zmien matul iz-zmien specifikat fis-subartikolu (4), jethieg lil kull persuna li tipproduci, jew jista' jeleva minghand kull persuna, inkluz terza persuna, id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteggi u data elettronika mehtiega li jinzammu minhha bis-sahha ta' dan l-artikolu, u jaghmel kopji taghhom; Izda, jekk ikun hemm evidenza li wara li tkun intalbet mill-Kummissarju b'avviz bil-miktub, il-persuna tkun naqset li tipproduci minghajr skuzanti ragonevoli d-dokumentazzjoni, dokumenti, konteggi u data elettronika sa' tletin jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviz, hija ma tkunx tista' tithalla tipproduci dik id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteggi u data elettronika fi stadju aktar tard minn meta tkun inharget stima jew stimi provvizorji jew quddiem it-Tribunal, jew f'xi Qorti tal-Gustizzja: Izda wkoll meta titqieghed fiducja fuq xi persuna ohra sabiex din twettaq xi bicca xoghol, il-fatt li jkun hemm dik il-fiducja jew xi dewmien jew inezattezzi mill-persuna li jkollha l-fiducja ma jitqiesx li hija skuzanti ragonevoli ghall-ghanijiet ta' dan is-subartikolu.*

Minn qari ta' dan l-artikolu tal-Ligi huwa evidenti li l-istess ma jsibx applikazzjoni fil-kaz in ezami fejn ir-Rikorrenti rrifjutaw u baqghu u ghadhom s'issa jirrifjutaw li jipprovdu l-*bank statements* mitluba minnhom.

Madanakollu però minn konsiderazzjoni akkurata tax-xhieda ta' Jesmar Bilocca jirrizulta li din ma kenitx l-unika konsiderazzjoni in bazi ghal liema mexa kif mexa fil-konfront tar-Rikorrenti. In effetti jirrizulta li huwa hass li ma setghax jibda l-process tar-*Review* mitlub mir-Rikorrenti ghar-raguni li l-istess Rikorrenti baqghu jinsistu li ma kienux se jipproducu l-*bank statements* mitluba minnhom minhabba ragunijiet, skonthom, ta' sigriet professjonali u kunfidenzjalità. Ladarba l-*fulcrum* ta' kollox kienu dawn il-*bank statements* – li evidentement baqghet issir insistenza fuqhom da parte tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud – il-posizzjoni adottata mir-Rikorrenti wasslet lil Jesmar Bilocca biex jikkonkludi li l-istimi provvizjori mahruga kontra taghhom ghandhom jigu kkonfermati ghaliex *bank statements are considered fundamental for the determination of the income of the taxpayer and these should have been submitted. In order so as not to go against the Professional*

[28] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2013, fol. 121 sa' 126 tal-process.

*Secrecy Act and the Data Protection Act, client monies should have been separately held by the taxpayer.*

Ir-Rikorrenti jikkontendu li l-kwistjoni tal-*bank statements* ma kenitx l-unika kwistjoni li kellhom sottomissjonijiet x'jaghmlu dwarha izda kien hemm aspetti ohra li riedu jissottomettu dwarhom ghall-fini li juru lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li l-istimi mahruga kontra taghhom kienu zbaljati, sottomissjonijiet li però ma setghux iressqu minhabba li Jesmar Bilocca rrifjuta li jibda r-*Review* minnhom mitlub. Fir-rigward l-osservazzjoni tat-Tribunal hi li llum dawn il-kwistjonijiet tressqu quddiemu ghall-konsiderazzjoni Tieghu u l-istess gew dettaljatament, izda rrizulta li l-pretensjonijiet tar-Rikorrenti ma humiex gustifikati u b'hekk ma jisthoqqx li jigu milqugha.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li l-appell tar-Rikorrenti mill-istimi mahruga kontra taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.12.04-28.02.05, 01.03.05-31.05.05, 01.06.05-31.08.05, 01.09.05-30.11.05, 01.12.05-28.02.06, 01.03.06-31.05.06, 01.06.06-31.08.06, 01.09.06-30.11.06, 01.12.06-28.02.07, 01.03.07-31.05.07, 01.06.07-31.08.07, 01.09.07-30.11.07, 01.12.07-31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08 u 01.12.08-28.02.09 ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-Rikorrenti mill-istimi mahruga kontra taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.12.04-28.02.05, 01.03.05-31.05.05, 01.06.05-31.08.05, 01.09.05-30.11.05, 01.12.05-28.02.06, 01.03.06-31.05.06, 01.06.06-31.08.06, 01.09.06-30.11.06, 01.12.06-28.02.07, 01.03.07-31.05.07, 01.06.07-31.08.07, 01.09.07-30.11.07, 01.12.07-31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08 u 01.12.08-28.02.09 u minflok jikkonferma l-istess imsemmija stimi.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrenti.

A tenur ta' l-Artikolu 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta t-Tribunal jordna li kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata lir-Rikorrenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**